## GRAZZJI MAQLUGĦA

**Rapport ta' Philip Azzopardi:**

Bejn l-aħħar ta' Jannar u'l-bidu ta' Frar 1988 kelli wġigħ kbir f'għonqi u dahri, tant li ma stajtx niċċaqlaq mis-sodda. Fl-ewwel ta' Frar ġie l-ispeċjalista Zrinzo jinvistani u sab li kelli *slipped disc*; ordnali nibqa' fis-sodda għal ġimgħatejn sħaħ u tani nieħu xi pilloli.

Minħabba li jien il-President tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni, bgħatt risposta lil Ġuża, li ma stajtx immur għal-laqgħa ta' Talb, il Ħadd 7 ta' Frar. L-għada, it-Tlieta, ċemplitli Ġuża u nkoraġġietni biex ma naqtax qalbi u ssiguratni li nkun nista' nitla' għal-laqgħa. Jien m'emminthiex. Wara xi għoxrin minuta, ħabta w sabta, ħassejtni mingħajr uġigħ u f'widnejja qisni smajt min jgħidli: "iċċaqlaq u qum minn hemm!" Jiena, għall-ewwel, qomt bilqiegħda u meta ma ħassejt ebda wġigħ niżżilt saqajja mal-art, u qomt bilwieqfa. Kif għamilt hekk ħassejt bħal xokk qawwi ta' elettriku f'riġlejja. Jiena nħsadt; imma sibt li stajt nimxi mingħajr uġigħ. Dan mar f'daqqa waħda... Wara li qgħadt nimxi mal-kamra erġajt dħalt fis-sodda, mgħaġġeb b'dak li ġrali.

Xi tmien minuti wara ċemplitli Ġuża u jien, b'ħerqa kbira, għarraftha b'dak li kien għadu kemm ġrali. Hi spjegatli kif talbet lill-Madonna biex tiġi bl-ispirtu tagħha tfejjaqni. Jien żgur li hekk ġara.

Jien ħassejtni tant tajjeb li, il-Ħadd ta' wara, mort għall-Quddies bil-mixi u wara nofs inhar mort il-Girgenti, qisu qatt ma ġrali xejn. Minn dakinhar sa llum, qatt ma rġajt ħassejt xi uġigħ. Meta, sena wara din il-ġrajja, l-ispeċjalista eżaminani, hu ċċertifika bil-miktub li ma kien hemm l-ebda *"neurological deficiency"*.

Niżżi ħajr lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għal din il-grazzja kbira.

## FEJN HU WIED IL-GIRGENTI...?

Dan il-Wied jinsab bejn is-Salib tal-Għolja u l-Palazz tal-Inkwiżitur, xi żewġ mili 'l bogħod mis-Siġġiewi, imwarrab minn kull post abitat.

Mogħdija li tinqata' mit-triq li tmur mis-Siġġiewi għar-Rabat, isserrep mal-egħlieqi u teħdok fejn għalqa, fejn illum isiru l-laqgħat ta' Talb. Hemm ukoll triq li tinqata' minn dik li titla' lejn is-Salib ta' l-Għolja u twasslek sewwa sew ħdejn l-Għalqa Santwarju fejn hemm l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti. Il-mappa ta' hawn taħt tgħinek issib it-triq.




DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawn-hekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.


Veritas Press, Żabbar

April 1990



# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 1 JITQASSAM BLA ĦLAS


## GĦALIEX DAN IL-FULJETT?...

Minn mindu bdew isiru "Laqgħat ta' Talb" f'Wied il-Girgenti, jiġifieri mill-5 ta' Mejju 1986, fejn Ġuża Mifsud tgħid li rat il-Madonna ħafna drabi, dehru kitbiet f'gurnali lokali, li, ħafna drabi, ma tawx il-verità tal-fatti jew għaddew kummenti ta' ħsara għall-Messaġġ li Ġuża riedet twassal lil Malta w lid-Dinja.

B'dan il-fuljett nixtiequ ngħarrfu lid-devoti tal-Madonna bil-Ġrajjiet tal-Girgenti b'mod awtorevoli, u fl-istess ħin inżommuhom aġġornati ma' dak kollu li qed isir il-Girgenti u l-iżviluppi ġodda li jkun hemm.

Min irid ikollu tagħrif sħiħ fuq il-ħajja ta' Ġuża Mifsud u l-Messaġġ li l-Madonna fdatilha, kif ukoll rapport ta' kull laqgħa ta' Talb li saret fl-imgħoddi, isibhom fil-kotba ppubblikati mid-Dottoressa S. Spiteri L L.D.

Hija x-xewqa tagħna li dan il-fuljett jilħaq l-akbar numru ta' nies possibbli, l-aktar lil dawk li qatt ma semgħu bil-Madonna tal-Konsagrazzjoni jew qatt ma waslu sal-Girgenti.

Irridu wkoll nisimgħu minnkom l-opinjonijiet tagħkom, is-suġġerimenti, il-grazzji li taqilgħu u l-intenzjonijiet tagħkom għat-talb li jsir mill-eluf li jattendu l-laqgħat ta' Talb.

Kull korrispondenza li għandha x'taqsam ma' dan il-fuljett, għandha tiġi ndirizzata:

"Leħen il-Girgenti"
c/o 16, St. James Street,
Siġġiewi.

Dan hu l-indirizz ta' Ġuża Mifsud. Kull korrispondenza għandha tiġi ffirmata bl-isem u l-indirizz ta' min jibgħatha.

## IL-MOVIMENT TAL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

Ġuża Mifsud, megħjuna minn Mons. Buontempo, waqqfet Kumitat għal dan il-Moviment. Il-Kumitat jiġi elett kull sentejn mit-Tesserati u għandu jieħu ħsieb jorganizza u jamministra dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Moviment. B'dan il-mod ix-xogħol u t-taħbit ta' Ġuża jeħfief.

Biex tkun Tesserat jeħtieġ biss li tagħmel applikazzjoni fuq formola apposta li int tista' tikseb meta tattendi xi laqgħa ta' Talb jew mingħand is-Segretarja.

Timla formola għal kull persuna li trid tkun tesserata u tibgħat il-formoli għand:

Dr. S. Spiteri L L.D.
6/A2, Main Street,
Siġġiewi.

It-Tesserati ma jħallsu **xejn**. Huma biss jieħdu sehem fl-elezzjoni tal-Kumitat.

### TAJJEB LI TKUN TAF...

Żmien ilu, fit-3 ta' Lulju 1988, dehru rapporti f'gazzetti lokali li ħawwdu ħafna nies fuq il-Laqgħat ta' Talb u l-preżenza ta' Ġuża il-Girgenti. Minkejja ta' dan folla kbira marret il-Girgenti fit-8 ta' Lulju 1988.

Mons. Bountempo għamel dikjarazzjoni fejn ċaħad, bla tlaqliq, li kienet ħarġet xi ordni mill-Awtoritajiet tal-Knisja biex ma jitlax għall-laqgħat. Għall-kuntrarju, dawn kienu jafu li jsiru l-laqgħat ta' Talb u li hu kien itella' 'l Ġuża l-Girgenti. **Qatt** ma kienet ħarġet xi ordni mill-Awtoritajiet biex dan ma jsirx.

Il-fatt li l-Knisja għadha ma tatx l-approvazzjoni tagħha ma jfissirx li l-ġrajjiet u l-fenomini tal-Girgenti ma sarux.

Sadattant għandna nitolbu biex dak li trid il-Madonna jitwettaq mingħajr telf ta' żmien.

## ĠUŻA MIFSUD U T-TITLU TAL-MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI



Ġuża Mifsud, xebba ta' 67 sena, imwielda u toqgħod is-Siġġiewi, sa minn ċkunitha kienet tmur il-Girgenti biex tgħin lill-ġenituri tagħha fix-xogħol tar-raba'. Minħabba f'hekk ftit li xejn marret skola.

Fi xbubitha, Ġuża kienet membru ħabrieki f'għaqdiet reliġjużi u, saħansitra, ma' tfajliet oħra, kienet tieħu ħsieb tal-adorazzjoni "il-Lampa tal-Ħajja".

Meta kellha 15-il sena u nofs bdew il-kuntatti mal-Madonna kemm f'Wied il-Girgenti u kemm fid-dar tagħha s-Siġġiewi; kuntatti li għadhom sejrin sallum. Il-Madonna dehritilha ħafna drabi u, kif tgħid Ġuża, kienet taraha "tad-demm u l-laħam" bħalna, u kienet tkellimha. Drabi oħra kienet tisma' l-leħen tagħha biss.

Meta Ġuża kellha 28 sena,. seħħet dehra importanti bil-lejl, meta l-Madonna bil-Bambin Ġesù talbitha żżid tpinġija fuq santa, kif kienet qeda taraha u ssemmi dik id-dehra: "Madonna tal-Konsagrazzjoni". Il-Madonna spjegatilha li meta Hi kienet żgħira, ommha kkonsagratha lil Alla. Hi xtaqet li dan ikun Titlu ġdid għaliHa, għax ħadd ma kien għadu tahulha. Minn dik is-santa mpinġija bil-kulur minn Ġuża, sar inkwadru kbir li ħafna nies iqisuh bħala mirakoluż.

Xi żmien wara dan il-fatt, il-Madonna dehritilha f'Wied il-Girgenti, waqt li hi kienet waħedha tgħid ir-Rużarju. Ta' din id-dehra, Ġuża pinġiet santa oħra u semmietha "Madonna tal-Girgenti".

Ġuża minn dejjem iddefendiet l-Isem Imqaddes ta' Alla. Fuq direttiva tal-Madonna stess hi rsistiet biex issir liġi kontra d-dagħa. Din il-liġi saret fi żmien Paul Boffa.

Fil-ħidma ma taqta' xejn fl-appostolat tagħha, Ġuża kienet iżżur il-familji biex jiġu kkonsagrati lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Irnexxielha tikkonsagra aktar minn 500 familja.

Iżda r-rapporti kollha ta' Ġuża mal-Madonna kienu magħrufin BISS mill-konfessuri tagħha, Dun Ġorġ Mercieca u Dun Ġorġ Preca. Kien biss f'Novembru 1982, fuq ordni tal-konfessur tagħha Mons. Salv Grima, li Ġuża fetħet id-dar tagħha lin-nies u l-aħbar tad-dehriet tal-Madonna bdiet tinxtered.

Jum storiku u għall-qalb Ġuża kien meta fil-5 ta' Mejju 1986, fuq ordni tal-Madonna stess, sar l-ewwel pellegrinaġġ minn eluf ta' devoti u ttellgħet l-istatwa tal-Madonna tal-Girgenti fl-għalqa fejn, illum, isiru l-laqgħat ta' Talb ta' kull xahar.

Fuq il-Messaġġi tal-Madonna għad niktbu fil-fuljetti li jiġu ppubblikati 'l quddiem. Biżżejjed ngħidu, għallum, li l-ħajja ta' Ġuża kienet mimlija slaleb u tbatija, għax, kif tgħid hi stess, hi "vittma tal-Mulej" għat-tpattija ta' ħafna dnubiet li jsiru f'Malta u fid-dinja.

